We thank God for our feast that we were able to enjoy together in a spirit of unity and dedication, with love for our people and deep devotion to Saints Peter and Paul. Many joined us in the church and in our village squares, while many others followed the celebrations through the media. Everyone felt that we truly had a beautiful feast, because they witnessed a joyful and enthusiastic community spirit. May we now continue throughout the whole year to work for one another and with one another, because this is what makes us a true parish.



A special word of thanks goes to all the organizations responsible for the feast decorations, who worked tirelessly so that our village could be beautifully adorned; to the fireworks enthusiasts for the great sacrifices and risks they undertook so that we could celebrate in such a wonderful atmosphere; to the Mnarja Youth Section for the artistic surprises that amazed everyone; to the Band Club for their commitment and dedication in providing the music and festive atmosphere; to the External Feast Committee for coordinating everyone's efforts; to the Local Council for its continuous support and for maintaining cleanliness throughout the feast area; to the police and security forces for ensuring everyone's safety; and to the local shop owners for their cooperation.

Our heartfelt thanks also go to all those who took care of the cherished liturgical celebrations held in the church: the clergy, the altar boys, the sacristans and volunteers who decorated the church; those who quietly came to clean and wash before and after every celebration; those who prepared the flowers; those in charge of transmitting the feast live on social media, the Radju Luminarja team, those who organized the music and singing for each day of the novena, especially during the Triduum and on the Feast Day; and those who planned and led each day's liturgy, so that every moment of prayer allowed us to experience something of the beauty of a life lived in communion with God and with one another.

Let us continue to pray to Saints Peter and Paul for one another, especially for the weakest among us, for those who feel lonely, for those who are sick at home or in hospital, for those going through life's difficulties, and for those suffering because of conflict or lack of understanding within their families or among friends. May the Apostles teach us to speak with one another as they did, and draw us closer to God, who knows us, loves us, and desires us to be with Him so that He may heal and strengthen the heart of each and everyone of us.

**Luminaria Magazine and the Supplement on Fr Anton Camilleri**
You still have the opportunity to purchase a copy from the Parish Office over the coming days. We also remind everyone who advertised in the magazine to collect their reserved copy.

**Duo Luminaria Warehouse.** The ground floor has now been completed, and all the decorations for the village square have been stored there. Only 10 construction planks remain to be paid for before we can complete the roof of the first and final floor. Thank you for all your generous support.

**New Waterproof Membrane for the Church Roof**. Around €4,500 has already been collected. Thank you for your immediate and generous response to our appeal. We encourage everyone to continue supporting us throughout this project, which will be carried out during the summer.

To the Parents of Children Who Received the Sacrament of ConfirmationWe remind you that the confirmation robes should be returned on **Wednesday, 8 July**, between **5:00 p.m. and 6:00 p.m.** at **St Peter and St Paul House, Triq Diċembru 13**. If, for any reason, you are unable to return the robe on that day, please contact nadurparishmxuereb@gmail.com so that another suitable time can be arranged. Thank you. When returning the robe, we kindly ask you to consider making a donation towards the expenses associated with this occasion. We thank you in advance for your generosity, while assuring you of our continued support as your children grow in faith throughout their youth.

**Mass Times**

**Sundays & Feasts:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**From Monday to Saturday:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Sacred Heart Church: from Monday to Saturday:** 11.00am **Sunday:** 7.00am
**Franciscans Convent Chapel: from Monday to Saturday:** 7.00am
**Sunday:** 6.15am; 10.15am (in English)

Nirringrazzjaw lil Alla ta' dawn il-jiem ta' festa li rnexxielna ngawdu flimkien fi spirtu ta' għaqda u dedikazzjoni, bi mħabba lejn niesna u b'qima kbira lejn San Pietru u San Pawl. Ħafna kienu dawk li ngħaqdu magħna fil-knisja u fil-pjazez tagħna u ħafna segwewna fuq il-mezzi tax-xandir. Kulħadd ħass li kellna festa tassew sabiħa, għax raw spirtu ta' komunità ferħana u mħeġġa. Jalla issa, inkomplu matul is-sena kollha naħdmu għal xulxin u ma' xulxin, għax dan jagħmilna parroċċa ta' veru.




Grazzi speċjali lill-għaqdiet kollha tal-armar li ħadmu u stinkaw ħafna biex ikollna raħal imlibbes mill-isbaħ; lil tan-nar tas-sagrifiċċji kbar u riskjużi li għamlu għalina biex niċċelebraw fl-isbaħ atmosfera; lil Żgħażagħ Imnarja tas-sorpriżi artistiċi li mmeraviljaw lil kulħadd; u lis-Soċjetà tal-Banda għall-impenn u d-dedikazzjoni tagħha fil-marċijiet tal-festa; lill-fratellanzi u r-reffiegħa u kull min għen fil-purċissjoni solenni tal-Festa; lill-Kumitat Festi Esterni tal-koordinament bejniethom kollha; lill-Kunsill Lokali tas-sapport kontinwu u taż-żamma kostanti tal-indafa fiż-żona tal-festa, lill-forzi tal-ordni għas-sigurtà, lis-sidien tal-ħwienet u lir-residenti tal-Pjazza u tat-toroq armati tal-kooperazzjoni tagħhom.

Grazzi kbira lil dawk kollha li ħadu ħsieb iċ-ċelebrazzjonijiet tant għeżież li saru fil-knisja: lis-saċerdoti, l-abbatini, is-sagristani u l-voluntiera li żejnu l-knisja; dawk li ġew fil-moħbi jnaddfu u jaħslu qabel u wara kull ċelebrazzjoni; dawk li ħejjew il-ward; dawk li ħadu ħsieb ix-xandir live fuq il-midja soċjali u Radju Luminaria; dawk li ppreparaw il-mużika u l-kant għal kull jum tan-novena speċjalment fit-Tridu u f'Jum il-Festa u dawk li ħasbu jorganizzaw il-Liturġija ta' kull jum, b'tali mod li kull mument ta' talb seta' jdewwaqna ftit mill-isbuħija tal-ħajja meta tkun mgħixha f'komunjoni ma' Alla u ma' xulxin.

Ejjew inkomplu nitolbu lil San Pietru u San Pawl għal xulxin, speċjalment għal dawk l-iktar dgħajfa fostna, għal min iħossu waħdu, għal dawk li huma morda fi djarhom u fl-isptarijiet, għal dawk li għaddejjin mill-problemi tal-ħajja, għal dawk li qed ibatu mill-ġlied u min-nuqqas ta' ftehim fil-familji tagħhom jew ma' ħbiebhom... sabiex jgħallmuna nitkellmu flimkien kif kienu jagħmlu huma, u jqarrbuna lejn Alla li jafna u jħobbna u jridna miegħu biex ifejjaq u jsaħħaħ il-qalb ta' kull wieħed u waħda minna.

**Ir-Rivista Luminaria u s-Suppliment dwar Dun Anton Camilleri.** Għadkom fiċ-ċans li tistgħu takkwistaw kopja mill-Uffiċċju Parrokkjali, matul dawn il-ġranet. Infakkru lil min irreklama fir-rivista sabiex jgħaddi jiġbor il-kopja rriservata għalih.

**Maħżen Duo Luminaria.** Is-sular t'isfel tlesta u fih inġabar l-armar kollu tal-Pjazza. Baqa' biss 10 planki x'jitħallsu, biex issa nagħlqu l-bejt tal-ewwel u l-aħħar sular. Grazzi tal-għajnuna kollha tagħkom.

**Membrane ġdid għall-bejt tal-Knisja.** Ġa nġabru madwar €4,500. Grazzi tar-rispons immedjat għat-talba tagħna. Inkomplu nħeġġukom takkumpanjawna bl-għajnuna tagħkom matul dan il-proġett li se jsir f'dan is-sajf.

**Lill-ġenituri tat-tfal li rċevew il-Griżma:** Infakkrukom li l-ilbiesi jintraddu lura **l-Erbgħa 8 ta' Lulju**, **mill-5.00pm sas-6.00pm** f'Dar S.Pietru u S.Pawl ta' Triq Diċembru 13. Min għal xi raġuni ma jistax f'din il-ġurnata għandu jibgħat email fuq nadurparishmxuereb@gmail.com sabiex issibu mument ieħor. Grazzi.
Fil-ġurnata meta ġġibu lura l-libsa qed nitolbulkom ġentilment tħallu **donazzjoni għall-ispejjeż** marbuta ma' din l-okkażjoni. Nirringrazzjawkom minn qabel tal-ġenerożità tagħkom filwaqt li nkomplu noffrulkom l-għajnuna kollha tagħna fil-mixja tal-fidi tat-tfal tagħkom huma u jikbru fiż-żgħożija.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 7.00am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.00am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am